MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1649/2001/1

**Claudine Gatt**

**vs**

**Christopher Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-13 ta' Gunju, 1998, mill-liema zwieg m'ghandhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Illi l-istess attrici ghalhekk tablet li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett; u

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 4a tal-process;

Rat il-verbali tas-6 ta Frar 2002 u tal-24 ta' April 2002.

Rat in-nota ta' l-attrici tat-13 ta' Mejju 2002 fejn prezentat l-affidavit taghha stess (fol 13 sa 18).

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 ta' Mejju 2002 fejn talbet li ssir in-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali u d-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Mejju 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-28 ta' Mejju 2002 fejn talbet li ssir in-notifika tal-konvenut *ai termini* tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 f'gazzetta lokali wahda u d-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Mejju 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-12 ta' Gunju 2002 a fol 25 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponent diga beda proceduri ghall-annullament quddiem it-Tribunali Ekklezjastici u ghalhekk fit-termini ta' Artikolu 30 tal-Att 255 tal-Ligijiet ta' Malta, is-smigh ta' dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi sospiz;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-esponent jecepixxi illi z-zwieg taghhom huwa null u bla effett minhabba l-kunsens vizzjat tal-attrici stess u dan stante li l-kunsens taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u anke hija eskludiet elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif sejjer jigi pruvat fil-kors tal-kawza;

3. Illi l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu allokati kollha lill-attrici u dan stante li n-nullita taz-zwieg taghhom hija attribwibbli lilha u dan anke b'malafede da parti taghha;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 26 u 27 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta’ Gunju 2002; tal-24 ta’ Gunju 2002; tat-8 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr Therese Cachia ghall-konvenut prezenti rtirat l-ewwel eccezzjoni w inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta’ 30 jum.

Rat in-nota tal-konvenut tad-9 t’Ottubru 2002 fejn esebixxa l-affidavit tieghu (fol 33 sa 38).

Rat il-verbal tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn Dr Therese Cachia ghall-konvenut iddikjarat li m’ghandiex aktar provi, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Claudine Zahra** qalet is-segwenti:

"*1. Fit-13 ta' Gunju, 1998, jiena zzewwigt lil Christopher Gatt, mill-liema zwieg ma kellniex tfal.*

*2. Ahna zzewwigna wara li konna ilna sitt snin gharrajjes. Fil-fatt jiena bdejt nohrog ma' Chris meta kelli sittax-il sena filwaqt li hu kellu dsatax-il sena. Chris kien l-ewwel boyfriend bis-serjeta li hrigt mieghu. Wara ftit zmien ahna bdejna niffrekwentaw il-familji ta' xulxin. Ghall-ewwel ahna konna niltaqghu l-aktar fuq ix-xoghol peress li hu kien jahdem mieghi, u xi drabi konna niltaqghu ghal ftit hin il-Belt peress li Chris ma kellux karozza dak iz-zmien. Ahna domna niltaqghu b'dan il-mod ghal xi sentejn u dan sakemm gibt il-licenzja tal-karozza jiena u ommi bdiet issellifni l-karozza taghha.*

*Filfatt l-aktar li konna niltaqghu kien ghand il-familji rispettivi taghna u dan peress li ahna konna noqghodu 'l boghod minn xulxin, u kif ghidt kellna dil-problema tat-trasport. Inoltre Chris huwa t-tip li ma jhobbx il-kumpannija u ghalhekk ahna spiccajna dejjem wehedna. L-aktar konna nohorgu ma' kuginti u l-gharus taghha.*

*Jiena u Chris konna l-kumpannija ta' xulxin. Filfatt sija jien, kif ukoll hu, ma kellniex ma min nohorgu jekk mhux ma' xulxin. Ahna konna drajna lil xulxin u fuq kollox lil familji rispettivi taghna. Nghid li d-diskors ta' bejnietna generalment kien ikun fuq ix-xoghol taghna, u dan peress li jiena u Chris ma kellniex l-istess gosti u hobbies Chris da parti tieghu jhobb il-futbol u s-sajd, xi haga li jien ma nissapportiex. Min-naha l-ohra jiena ghandi hafna nteressi bhal muzika, kant, palk u animation, li Chris lanqas biss kien ikun irid jisma' dwarhom.*

*Mhux biss izda xi sena wara li bdejna nohorgu flimkien, u dan meta jiena kien ghad ghandi sbatax-il sena, jiena u*

*Chris beda jkollna relazzjonijiet intimi bejnietna. Ahna kien ikollna dawn ir-relazzjonijiet kull darba li kien ikollna l-okkazzjoni li nkunu wahedna. Kif ghidt l-argumenti taghna kienu xotti u dejjem jikkoncentraw fuq ix-xoghol u ghalhekk ir-relazzjonijiet ta' bejnietna saru forma ta' zvog.*

*3. Wara xi sena u nofs li konna ilna nohorgu flimkien jiena u Chris iddecidejna li nixtru dar flimkien u noqghodu nlestuha bil-mod. Ahna dak iz-zmien ma kellniex hsieb ta' data taz-zwieg. Ahna xtrajna d-dar minghand il-genituri tieghi. Din kienet dar li konna nghixu fiha bhala familja u ghalhekk kienet ferm ghal qalbi. Filfatt meta xtrajnieha jiena ffissajt fuq din id-dar, u kull hin liberu li kelli kont inqattghu nirranga d-dar. Da parti tieghu Chris ma tantx kien jinteressah dan il-post, tant li huwa rari kien jigi jara x'qed isir. Niftakru jghid li ghalih jekk ighix f'zewgt ikmamar ukoll bizzejjed. Mhux biss izda hu qatt ma ta daqqa t'id fix-xoghol li kien qed isir fid-dar. Fil-fatt kien missieri bl-ghajnuna tieghi li ghamel il-maggorparti tax-xogholijiet.*

*Dan ukoll kien argument li ma stajniex niddiskutu flimkien jiena u Chris. Huwa ma tantx kien jinteressah x'qed naghmel, u kien ihalli d-decizjonijiet kollha f'idi. Da parti tieghi xtaqt li jkolli ghajnuna u opinjoni tieghu. L-unika haga li ddecieda dwar id-dar kien is-sufan tal-living room.*

*4. Sentejn u nofs qabel izzewwigna, iddecidejna d-data taz-zwieg. Ghal darb'ohra Chris halla kollox f'idejha. Huwa kien igib skuza li ma kellux trasport u jiena kelli l-karozza u ghalhekk kelli mmur jiena nibbukja l-affarijiet tat-tieg. Kienu ftit l-okkazzjonijiet li gie mieghi.*

*Jiena u Chris konna qiesna zewg min-nies li qed nghixu hajja totalment separata minn ta' xulxin, pero' li kellna in komuni dar u data taz-zwieg. Jiena kont drajt din is-sitwazzjoni u kien ghalhekk li qatt ma ddecidejt li nittermina r-relazzjoni, hlief f'okkazzjoni wahda.*

*Nispjega li Chris kien ighir ghalija u jiehu ghalih mix-xejn. Darba minnhom waqt il-break tax-xoghol jiena mort hdejh u rqadt ghax kelli n-nas u hu beda jallega li m'iniex qed*

*naghtieh l-attenzjoni li naghti lil shabi tax-xoghol. Hemmhekk iggieldna sew u ghamilna gimgha ma nohorgux flimkien.*

*Mhux biss izda Chris kien jaghmel minn kollox biex iwaqqafni mill-passatempi tieghi, specjalment meta dawn kienu jinvolvu li niffrekwenta nies ohra. In partikolari niftakar li peress li jiena nhobb is-sewqan tal-karozzi (u Chris ma jinteressahx dan), jiena bdejt xi kultant immur nara l-karozzi ma' habiba tieghi. Jiena kont nitolbu biex jigi mieghi, pero' gie mieghi tlett darbiet bil-tgergir u ma riedx jigi izjed. Mhux biss izda meta mort ma' habibti, Chris kien joggezzjona ghax kien jallega li jiena kont inhobb immur fejn ikun hemm l-irgiel. B'hekk jiena spiccajt iddecidejt li ma mmurx izjed.*

*Niftakar ukoll li xi sena qabel izzewwigna jiena ridt immur lezzjonijiet tal-kant ghand Phyllisienne Brincat. Jiena kont urejt lil Chris li x-xewqa tieghi kienet li jkolli karriera fil-kant. Hu minflok inkorragini f'din il-hajra beda jgerger u jghid li ma joghgbux xoghol bhal dan. Jiena bdejt niehu sehem f'Festivals u Chris rari kien jigi jarani. Hu qatt ma tani support f'din il-passjoni tieghi. Tant kienet stressanti li kull darba li nippartecipa f'xi haga, Chris kien jaqla' kwistjoni, li spiccajt kelli nhalli l-kant ukoll.*

*5. Malli zzewwigna jiena mal-ewwel indunajt li hajjitna kienet ser tibqa' wahda separata u mhux ta' koppja flimkien. Filfatt anke finanzjarjament dak li kont naqla' jiena kont inzommu ghalija, filwaqt dak li kien jaqla' hu kien izommu ghalih. Jiena kont inhallas l-ispejjez tal-hajja, u meta xtrajna karozza, il-pagamenti tal-karozza. Filfatt li Chris kien ihallas il-kontijiet tad-dar. Meta fuq ix-xoghol spiccali l-overtime jiena bdejt nispicca minghajr flus, u da parti tieghu Chris rari kien joffrieli l-flus. Kemm-il darba huwa nduna li jiena spiccajt minghajr flus, u hu ma tax kas. Il-genituri tieghi spiccaw ighinuni finanzjarjament u f'okkazzjoni minnhom anke omm Chris stess offrietli li tatini xi flus, meta gergirt maghha li ma kienx faddalli flus.*

*Inoltre wara z-zwieg, sija jiena kif ukoll Chris bdejna naghmlu part-time job, apparti x-xoghol full time li kellna. Spiccajna li rari konna qed niltaqghu d-dar, u fil-ftit hin li konna nqattghu flimkien konna qed nispiccaw niggieldu. Chris kien igerger li qed inqatta' hafna hin barra mid-dar, pero' meta darba minnhom ipproponejt li nieqaf nahdem mill-full-time (ta' machine operator) u nkompli bil-part-time (peress li kien xoghol ta' animation mal-Corinthia Group), Chris oggezzjona peress li skond hu ma kontx ser indahhal flus bizzejjed mill-animation.*

*6. L-inkwiet zdied ferm fis-Sajf tas-2001. Ahna konna kontinwament niggieldu u jiena sirt naf ukoll li Chris qed ixewwex lill-familjari tieghi kontrieja. Hu kien qed ighidilhom li ma jafx fejn kont qed inberbaq flusi u dan meta mill-paga ta' Lm150 fi hmistax kont qed inhallas Lm100 pagamenti tal-karozza, imbaghad xi hlasijiet li kelli naghti lill-missieri u l-kumplament kont nonfoqhom ghall-hajja. Inoltre Chris beda jghidilhom li jiena kont qed nohrog wahdi. Nghid li l-hrug tieghi kien il-maggorparti ghal hen's parties ta' tfajliet li ser jizzewwgu fuq ix-xoghol. F'okkazzjoni minnhom jiena mort Ghawdex mal-kumpannija ta' rectar Tejatru Rjal peress li konna ser intellghu Sister Act. Kien Chris stess li qalli li ser jahbili mill-genituri tieghi, peress li jaf li huma kienu jgergru li kieku saru jafu. Mhux biss izda Chris kien ighidli li ladarba naqdieh sesswalment (ikolli aptit u ma jkolliex) huwa kien lest li jhallini mmur fejn irrid).*

*Meta jiena bdejt noggezzjona ghal dawn l-atti sesswali, Chris beda jirrvilla, u beda joggezzjona ghal dak kollu li kont naghmel. Huwa beda jilmenta wkoll li mmur ma' habibti bit-tfal taghha l-bandli tal-lokal u darba minnhom heddidni li jekk immur ghal riceviment fejn kien ser ikun hemm il-familja tieghi fil-festa tar-rahal huwa kien ser isakkarni barra. Chris beda joggezzjona wkoll li jiena mmur il-bahar wahdi, meta qabel ma kienx joggezzjona.*

*Nghid li jiena kont nohrog meta Chris kien ikun ix-xoghol jew inkella d-dar rieqed wara x-xoghol. Jiena kont nipprova li noqghod id-dar meta jkun hemm hu.*

*Darba minnhom Chris kien rieqed u jiena hallejtlu nota li mort il-bahar u tlabtu jcempilli x'hin iqum biex immur lura d-dar. Huwa ma cempilx u x'hin mort lura d-dar, ghamel xenata shiha. Minn hemmhekk l-affarijiet verament marru ghall-aghar, tant li ahna lanqas biss bdejna nissaportu fl-istess sular.*

*Chris baqa' jilghaba tal-vittma sal-lum, inkluz mal-ġenituri tieghi u spicca gellidni maghhom. Huwa ma jghidx kemm-il darba tlabtu jigi mieghi fl-attivitajiet tieghi. Chris ippretenda li hajti tkun mid-dar ghax-xoghol u li ma niltaqax ma' nies barra mix-xoghol.  Dan jien ma stajtx nissaportieh izjed, anke peress li ahna zewg karattri totalment differenti u inkompattibli".*

Illi **l-konvenut Christopher Gatt** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn fih hu sostna illi:

*"Jien twelidt fis-17 ta' Lulju 1972 u zzewwigt lil Claudine Gatt fit-13 ta' Gunju 1998 fil-kappella ta' San Alwigi f'Birkirkara. Meta izzewwigna jien kelli 25 sena u Claudine kellha 23 sena. Miz-zwieg taghna ahna ma kellniex tfal u jien nghid li dan ghaliex Claudine eskludiet il-possibilita` ghat-tfal. Jiena ma kontx l-ewwel gharus ta' Claudine u naf ghaliex kienet qaltli hija stess li qabli kienet harget ma guvni iehor u li kienet damet mieghu ghal xi xhur. Hija kienet qaltli li ghalkemm l-ewwel gharus taghha ma kienx vjolenti maghha pero` huwa kien jimmaltrataha u ma kienx jirrispettaha. Kien madwar xi sena wara li din ir-relazzjoni kienet spiccat li jiena bdejt nohrog maghha.*

*Claudine u jiena ltqajna madwar sitt snin qabel ma zzewwigna u konna ltqajna fuq il-post tax-xoghol u cioe` fil-fabbrika ST Microelectronics. Wara ftit ghaddejna sabiex niehdu l-engagement pero` ma kellniex cerimonja formali u ma konniex bierikna c-curkett. Ghalkemm jiena kont ezitanti li naghmlu party ghal engagement pero` kont ridt li naghmlu cerimonja formali tat-tberriek tac-curkett. Claudine minn naha taghha, kienet tinsisti fuq ic-curkett pero` ma kienitx trid ic-cerimonja formali anke jekk kienet riedet li jkollna riceviment. Ahna hadna l-engagement biss billi jiena xtrajtilha curkett u tajtulha. Kif tajtha ic-curkett*

*ma kienitx baqghet trid ir-riceviment u minkeja li konna ftehmna li ghandu jkun hemm skambju ta' crieket, hekk kif xtrajt taghha u tajtulha hija ma kienitx baqghet interessata fic-curkett tal-engagement tieghi. Minkejja li ma kellniex cerimonja formali Claudine kienet qalet lill-qrabat taghha u lil shaba li konna ghamilna festin zghir ghal familja biss u dan gieghel lil shaba li jixtrulha r-rigali. Din pero` kienet tipika ta' Claudine u dan ghaliex hija materjalista hafna.*

*Wara xi sena nafu lil xulxin il-genituri taghha kellhom dar lesta u kienu offrew li jbeghwielna u ahna peress li kienet minghand fl-genituri taghha bi prezz favorevoli u peress li Claudine xtaqietha konna xtrajna l-istess dar. Wara, la darba kellna d-dar u konna gia ilna fir-relazzjoni ghal madwar sitt snin konna wasalna ghaz-zwieg bhal li kieku kien l-unika pass li kien fadlilna fir-relazzjoni taghha. Minbarra hekk Claudine kienet tgerger hafna u tiggieled hafna mal-genituri taghha u kienet tirribella kontra d-dixxiplina taghhom. Hija kienet ta' spiss tghid li igri tizzewweg sabiex il-genituri taghha ma jindahluliex izjed u tkun tista' taghmel li trid. Il-genitura taghha pruvaw hafna jghinuha fl-inkwiet ta' bejnitna u anke kienu jaghddulha flus ghaliex hija kienet tberbaq hafna pero` minkejja li kienet tiehu l-flus taghhom hija kienet tinsisti li bhala mara mizzewga il-genituri taghha ma setghu jaghmlu jew jghidulha xejn u li hija setghat taghmel li trid.*

*L-attitudni ta' Claudine wara li zzewwigna kienet dejjem attitudni u agir ta' persuna single u mhux ta' wahda mizzewga u dan ghaliex hija kienet tqatta' hafna hin twil barra mid-dar, tohrog ta' spiss ma shaba u dan anke a skapitu li nqattghu hin flimkien. Fil-fatt meta konna gharajjes konna nqattghu il-ftit drabi li konna niltaqghu id-dar tal-genituri. Hekk kif izzewwigna Claudine dahlet f'hafna attivitajiet bhal drama, kant u animation u kienet tkun dejjem barra mid-dar. Kien hemm drabi meta jiena akkumpanjajtha ghal tali attivitajiet.*

*Li kif izzewwigna Claudine bdiet tohrog hafna u tqatta' hafna hin barra mid-dar, kienet ghalija stramba u dan ghaliex waqt li ahna konna gharajjes Claudine kienet ta' spiss tinsisti li ma nohorgux ta' spiss flimkien u konna*

*niltaqghu ftit fil-weekend. Hija kienet tghid illi huwa bizzejjed li nahdmu fl-istess fabbrika. It-tnejn li ahna konna nahdmu bix-shift u dak iz-zmien hadd minna ma kellu karozza.*

*Kif izzewwigna ghamilna l-ewwel tlett xhur taz-zwieg bil-kemm niltaqghu u dan ghaliex it-tnejn konna fuq shift ta' tnax-il siegha kull wiehed u fuq shift differenti u ghalhekk forsi konna niltaqghu f'gurnata fil-weekend. Minhabba hekk ma tantx kellna kommunikazzjoni bejnitna u konna ppruvajna nirrangaw ix-shift sabiex inkunu nistghu niltaqghu.*

*Nghid illi Claudine kienet kontra li jkollna tfal fiz-zwieg u dan nghidu minhabba l-agir taghha kull meta konna nitkellmu fuq is-suggett u kull darba li kellna x'naqsmu flimkien. Peress li kienet iffissata li t-tfal ghandhom bzonn hafna flus konna iddecidejna li hekk kif ingemmghu Lm2,000 konna nieqfu mill-uzu ta' prekawzjoni kontra t-tfal. Pero` anke f'dak iz-zmien id-dhul taghha, u tieghi biss kien wiehed ragonevoli u kont naqla paga tajba. Kull darba li konna ngemmghu dik is-somma Claudine dejjem kienet tivvinta xi haga ohra fuq id-dar u kienet tinsisti li minflok la darba ghandha dak l-ammont allura ghandna nippruvaw ghat-tfal, kienet tinsistli li nuzaw dak li nkunu gemghajna fuq id-dar minkejja li din kienet gia mimlija u lesta.*

*Matul iz-zwieg Claudine kienet tqatta' hafna hin twil barra u kienet tippreferi li tohrog ma shaba milli nohorgu flimkien. Minkejja li nkunu ftehmna sabiex it-tnejn li ahna niehdu gurnata leave mix-xoghol hija kienet imbaghad tghidli li sejra tohrog ma shaba. Ghal Claudine l-attivitajiet tad-drama u animation kienu importanti hafna u fi New Year's Eve tas-sena 2000 hekk kif irritornajna d-dar wara party u konna qedghin nitkellmu fuq l-ippjanar ghat-tfal hija kienet insistiet mieghi li d-drama u l-animation kienu ferm aktar importanti ghaliha minn kwalunkwe haga ohra.*

*Minn dejjem kien hemm diffikultajiet fir-relazzjoni fizika taghha u anke matul iz-zwieg Claudine kienet tinsisti li ma naghmlux l-att shih li ma tmurx tinqabad tqila. Kull darba li*

*kellimtha fuq it-tfal hija kienet tghid li ma tridx tfal li jkissru l-ghamara, jghajtu w arroganti. Anke meta kont nersaq lejha hija kienet tirriffjuta ghal xi raguni jew ohra. Wiehed mill-incidenti l-aktar li laqtuni fir-relazzjoni fizika taghna kienet meta wara li kellna x'naqsmu flimkien hija kienet hasbet li seta' morna oltre u kienet ghamlet biki shih u bdiet tinhasel b'mod esagerat li ma jmurx tinqabad tqila.*

*Li Claudine zammet hajja separata u ta' single anke matul iz-zwieg jidher anke mill-fatt li dejjem insistiet li zzomm il-finanzi taghha separati u dan minkejja li jiena gieli issugerejtilha li jkollna accounts flimkien anke ghaliex il-paga tieghi kienet wahda tajba. Meta matul iz-zwieg Claudine kienet xtrat karozza hija kienet tinsisti li thallas din il-karozza hija stess u ma kienet qatt thallini nuza' din il-vettura u kienet tinsisti li ghalhekk qeghda thallasha hija biss. Matul iz-zwieg Claudine kienet tonfoq hafna flus fuq oggetti u hwejjeg ghaliha u kien hemm hafna drabi meta kienet tuza' cheques tieghi u tiffirma il-firma tieghi.*

*Kien hemm anke okkazzjonijiet meta anke matul l-gherusija taghna Claudine kienet tixrob pero` qatt ma kont nasal sabiex niddiskriviha bhala xurbana. Hlief meta matul iz-zwieg hija kienet xorbot tant li spiccat l-isptar b'livell ta' alcohol gholi ferm. Waqt li jiena kont ix-xoghol hija kienet marret go kazin tal-banda u xorbot tant li kienet intilfet minn sensiha u kienet ittiehdet l-isptar. Iz-zwieg taghna spicca b'mod definittiv meta jiena sirt naf li hija ma kienitx fidiela u li kellha relazzjoni ohra.*

*Kien hemm okkazzjoni li jiena kont xoghol fil-ghaxija man-negozju ta' missier Claudine stess, u hija ghal habta tal-11.40pm kienet cemplitli fuq ix-xoghol sabiex tara kemm fadalli x-xoghol. Dak il-hin ghidtilha li peress li kont qieghed nahdem f'sala tat-tigien bilfors li jkolli nibqa' hemm sa kemm jispicca pero` ghidtilha sabiex tidhol torqod u ma tinkwietax.*

*It-tieg kien tlesta kmieni u jiena kont wasalt id-dar xi siegha biss wara t-telefonata u kien wassalni l-gharus ta' ohtha. Pero` kif dhalt id-dar Claudine ma kienitx hemm. Wara xi kwarta hija dahlet id-dar, liebsa casual u bil-*

*make-up, u jiena staqsejtha x'kien gara li geghlha tohrog daqshekk tard. Hija sempliciment irrispondiet li kienet marret passiggata mal-blokk ghax ma setghatx torqghod. Pero` jiena kont ghaddejt mill-istess triq li semmiet bil-karozza ma l-gharus ta' ohtha u hadd minnha ma kien raha.*

*Claudine kienet bdiet proceduri ghal separazzjoni personali u konna wasalna ghal ftehim bonarju".*

## (B) IL-KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed isostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u fl-ahharnett ghaliex l-attrici sostniet li l-kunsens taghha kien marbut ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur u dan kollox ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (g)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

## (C) LIGI U GURISPRUDENZA

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-ahhar stipulazzjoni li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija dik *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g)** li tipprovdi li z-zwieg huwa null:-

***(g)*** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly* .

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"* .

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in*** **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a*

*unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi skond il-gurisprudenza nostrali d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenjzlai taz-zwieg gew indirizzati b'dan il-mod fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg*

*wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn biss a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995)

il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata”.* Illi fis-sentenza **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A. 14 ta’ Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem:-

*“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu”.*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **“Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et”,** (K. 1 ta’ Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe’ ‘fictio seu ostensio falsi pro vero’.*

Illi fil-kawza **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002) inghad li *“meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002 inghad li *“wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ l-kunsens tieghu kien gja’ mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel*

*ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent*

*and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi mill-provi prodotti, li gew estensivament riprodotti aktar il-fuq permezz ta' l-affidavits tal-partijiet, jirrizulta li l-kontendenti zzewwgu biss ghal mottiv wiehed, jekk tista' ssejjahlu hekk, u cioe` li peress li kien ilhom zmien johorgu w anke jkollhom relazzjonijiet sesswali flimkien il-pass naturali ghalihom kien li jizzewwgu. Dan meta kienu jafu li kellhom inkompattibilita` ta' karattru serja, tali li kellhom hajja prattikament maqtuha minn xulxin, kull wiehed u wahda mehdi fuq ix-xoghol u l-passatempi tieghu bla ebda kaz kwazi ta' xejn ghal wiehed jew l-ohra.

Illi din l-inkompattabilita` serja li l-partijiet ma hadux konsiderazzjoni taghha zvelat ruhha kompletament meta l-partijiet kienu kostretti jghixu flimkien minhabba dan iz-

zwieg fejn hadd minnhom ma ried icedi xejn minn dak li kellu u prattikament kull parti baqghet tghix ghaliha nfisha bla ebda rabta jew konsiderazzjoni ghall-parti l-ohra sakemm wara ftit zmien il-partijiet isseparaw.

Illi minn dan jirrizulta li l-partijiet baqghu jghixu hajja separata minn xulxin u jidher li sa minn qabel l-istess zwieg kellhom l-intenzjoni li jaghmlu dan, tant li l-hajja ta' bejniethom ftit tbidlet minn kif kienet qabel iz-zwieg, u dan bil-konsegwenza li kif inghad aktar il-fuq jidher car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg bla ebda konsiderazzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq l-elementi taghha u biss ghaliex dan kien komdu ghalihom fis-sens li kien pass naturali wara zmien johrogu flimkien u jkollhom x'jaqsmu flimkien.

Illi dan certament ma hijiex la raguni u lanqas mottiv sabiex wiehed jidhol ghal din ir-rabta mportanti u bazika u jidher ghalhekk li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' deskrizzjoni tal-hajja mizzewga u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta**.

Illi apparti minn dan jirrizulta li l-attrici rabtet il-kunesens taghha mal-kundizzjoni li hija ma jkolliex ulied minn dan iz-zwieg, u dan jinsab korroborat mix-xhieda cara ta' l-istess konvenut li spjega kif l-istess attrici kienet dejjem tinsisti dwar dan kull darba li jkun hemm relazzjoni intima u dan kemm qabel u kemm wara z-zwieg. Illi ghal aktar dettalji wiehed jirreferi ghall-affidavit ta' l-istess konvenut minn fejn jirrizulta car li l-istess attrici eskludiet *a priori* l-prokreazzjoni ta' l-ulied mill-istess zwieg, u peress li dan huwa wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg m'hemmx dubbju li dwar dan il-kunens ta' l-attrici kien difettuz u vizzjat fis-sens indikat mill-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**. Hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"E vs F"** (P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994); **"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John Zammit"** (P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986); **"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u

**"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"** (P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999), u **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 27 ta' Jannar 2003).

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g) jinghad** skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, pero' abbazi tal-provi prodotti ma jidhirx li dan l-element gie ppruvat, u ghalhekk it-talba attrici fuq din il-bazi qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-13 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**